# Servitude et Grandeur Militaires

(silta)

Alfred de Vigny

*Maqluba għall-Malti minn Paul Zahra*

Billi x-xogħlijiet ta' kittieba Franċiżi ma jdurux daqstant ta' spiss fl-orbita tal-qarrej Malti meta ltqajt għall-ewwel darba f'*Servitude et grandeur militaires* ta' Alfred de Vigny eżattament mal-kapitlu li proprjament iġib l-isem 'Malte' ħassejtni intrigat. Għalhekk iddeċidejt nittraduċi bil-Malti din is-silta qasira biex b'hekk naqsam din l-esperjenza ma' min hu interessat fil-letteratura Franċiża u ma' dawk li tinteressahom l-istorja ta' Malta fi żmien is-sentejn tal-ħakma Napoleonika u li ma jafux jaqraw bil-Franċiż. U fuq kollox biex naqsam din ir-referenza għal pajjiżna magħmula minn dan il-kittieb Franċiż mal-qarrejja li jħobbu jaqraw bil-Malti.

Il-poeta, drammaturgu u rumanzier Alfred Victor de Vigny twieled fis-27 ta' Marzu 1797 u miet fis-17 ta' Settembru 1863. Għalhekk ta' min jinnota li Vigny ma setax kien preżenti għad-dħul ta' Bonaparti f'Malta fl-1798. Madankollu dak li jirrakkonta l-persunaġġ tiegħu, il-Kaptan Renaud, dwar id-dħul tal-Franċiżi f'Malta hu bbażat fuq informazzjoni storika li Vigny akkwista minn sorsi dokumentati kontemporanji Franċiżi. Jissemmew pereżempju l-Kaptan ta' *l'Orient* Luce de Casabianca, il-Ġeneral Desaix, il-frejgata *la Junon* u l-Ġeneral Vaubois u l-erbat elef suldat tiegħu li tħallew Malta. Jingħata wkoll tagħrif dwar it-tluq ta' wieħed mit-tliet konvojs li telaq minn Korsika lejn Malta għall-Eġittu (hawnhekk ma rridux ninsew li t-teħid ta' Malta kien ippjanat u mhux aċċidentali) u fl-aħħar nett tissemma d-data li fiha wasal Malta Bonaparti. Sfortunatament, is-silta li fir-rumanz tirreferi għal Malta hi qasira u mhix għajr xena deskrittiva u drammatika meħtieġa min-narrattiva. Iżda

minkejja l-qosor tagħha ta' min japprezzaha billi għandna nkunu kburin b'kull referenza għal pajjiżna f'xogħlijiet letterarji ta' awturi tal-kalibru ta' Vigny u fuq kollox importanti li wieħed ikun jaf dwar referenzi ta' din ix-xorta f'każ li jkun hemm bżonn li ssir referenza għalihom.

[Alfred de Vigny, *Servitude et Grandeur Militaires*, Paris, Alphonse Lemerre, éditeur 27-31, Passage Choiseul, 27-31 M D CCC LXXXIV]

*Servitù u Glorja Militari*
*Tifkiriet tal-Glorja Militari*

*It-Tielet Ktieb*

**Kapitlu III**

**'Il-ħajja u l-mewt tal-Kaptan Renaud, jew il-bastun ta' Malakka'**
**'Lejl memorabbli'**

**MALTA**

Jien m'jien xejn, beda biex qal, u fil-preżent hu hena għalija li naħseb dan; iżda kieku kont xi ħaġa, kieku kont inkun nista' ngħid bħal Lwiġi XIV: Ħabbejt wisq il-gwerra. – Xi trid tagħmel? Bonaparti kien sakkarni minn tfuliti bħall-oħrajn, u l-glorja tiegħu kienet tant telgħetli b'mod vjolenti għal rasi, li ma kellix post aktar f'moħħi għal idea oħra. Missieri, uffiċjal anzjan superjuri, dejjem fil-kampijiet, kien għalkollox mhux magħruf minni, meta jum minnhom ġietu l-fantasija li joħodni miegħu l-Eġittu. Kelli tnax-il sena, u għadni niftakar f'dak iż-żmien daqslikieku għadni fih, is-sentimenti tal-armata kollha u ta' dawk li kienu diġà qed jieħdu l-pussess ta' ruħi. Żewġ spirti kienu qed ineffħu l-qlugħ tal-bastimenti tagħna, l-ispirtu tal-glorja u l-ispirtu tal-piraterija. Missieri ma kienx għadu jisma' aktar it-tieni wieħed aktar mir-riħ Grigal li kien qed iġorrna; iżda l-ewwel wieħed kien iżarżar tant b'saħħtu f'widnejja, li kien tarraxni għal żmien twil għall-ħsejjes kollha tad-dinja, ħlief għall-mużika ta' Karlu XII, il-kanun. Il-kanun kont nistħajlu l-vuċi ta' Bonaparti, u, ta' tifel kollni li kont, kull meta kien jirbombja, kont niħmar bil-pjaċir, naqbeż bil-ferħ, inċapċaplu

b'idejja, inwieġbu b'għajjat kbir. Dawn l-ewwel emozzjonijiet ippreparaw l-entużjażmu eżaġerat li saru l-għan u l-ġenn ta' ħajti. Inkontru, memorabbli għalija, iddeċieda din ix-xorta ta' ammirazzjoni fatali, din l-adorazzjoni insensata li għaliha xtaqt wisq nissagrifika.

Il-flotta kienet għadha kif salpat fit-30 ta' *Floréal*[1] tas-sena VI. Għaddejt il-jum u l-lejl fuq il-briġġ inniffed lili nnifsi bil-hena li nara l-baħar kbir ikħal u l-bastimenti tagħna. Għoddejt mitt buq u ma stajtx ngħoddhom kollha. Il-linja militari kellha firxa ta' aktar minn ħames mili u nofs, u n-nofs ċirku li kien qed jifforma l-konvoj kellu tal-anqas tlieta u tletin mil. Ma kont qed ngħid xejn. Rajt għaddejja lil Korsika għalkollox qribna, tkaxkar warajha lil Sardinja, u malajr waslet Sqallija fuq ix-xellug tagħna. Għax *la Junon*, li kienet qed iġġorr lili u lil missieri, kienet assenjata titkixxef ir-rotta u tifforma l-avangwardja ma' tliet frejgati oħrajn. Missieri kien qed iżommli idi, u wrieni l-Etna hi u ddaħħan kollha kemm hi u blatiet li qatt ma jien se ninsa: kienu Favaniane u l-Muntanja Eriċe. Marsala, Lilybaeum tal-qedem, kienet qed taqsam bejn il-fwawar; ħsibt li d-djar bojod tagħha kienu palumbelli huma u jniffdu sħaba; u għodwa minnhom, kienu..., iva, kienu l-24 ta' *Prairial*[2], rajt, ma' tlugħ ix-xemx, tasal quddiemi pittura li għammxitni għal għoxrin sena.

Malta kienet wieqfa bil-fortizzi tagħha, bil-kanuni ma' wiċċ l-ilma, bis-swar twal ileqqu fix-xemx donnhom irħam għadu kif jiġi illustrat, u x-xwieni tagħha bħall-bejta nemliet irqaq għalkollox huma u jiġru fuq imqadef twal ħomor. Mija u erbgħa u disgħin bastiment Franċiż kienu qed jiksuha bil-qlugħ kbar u l-bnadar blu, ħomor u bojod tagħhom li kienu qed jittellgħu, f'dak il-mument, mal-arbli kollha, filwaqt li l-istendard tar-Reliġjon kien qed jitniżżel bil-mod fuq Għawdex u fuq Sant'Iermu: kienet il-waqgħa tal-aħħar salib militanti. Imbagħad il-flotta sparat ħames mitt sparatura ta' kanun.

Il-bastiment *l'Orient* kien faċċata, imwarrab waħdu, kbir u immobbli. Għaddew quddiemu bil-lajma, u wieħed wara l-ieħor, il-bastimenti tal-gwerra kollha, u rajt mill-bogħod lil Desaix isellem lil Bonaparti. Tlajna ħdejh fuq *l'Orient*. Fl-aħħar rajtu għall-ewwel darba.

Kien bilwieqfa max-xifer, jitkellem ma' Casa-Bianca, il-kaptan tal-bastiment (povru *Orient*!), u kien qed jilgħab b'xagħar tifel ta' għaxar snin, iben il-kaptan. Minnufih ħassejtni ngħir għal dak it-tifel, u qalbi qabżet jien u narah imiss ix-xabla tal-ġeneral. Missieri resaq lejn Bonaparti u kellmu għal ħin twil. Ma kontx għadni qed nara wiċċu. F'ħin bla waqt dawwar lilu nnifsu u rani; tregħidt ma' ġismi kollu mad-dehra ta' dak il-ġbin isfar imdawwar b'xagħar

1 April
2 Mejju

twil imdendel imxarrab kollu donnu ħiereġ mill-baħar; b'dawk l-għajnejn kbar griżi, b'dawk il-ħaddejn magħlubin u b'dik ix-xoffa mdaħħla fuq geddum bil-ponta. Kien għadu kif jitħaddet dwari, billi kien qed jgħid: "Ismagħni, ħabib qalbieni tiegħi, billi tixtieq dan, sa tiġi miegħi fl-Eġittu u l-Ġeneral Vaubois se jibqa' tassew hawn mingħajrek u mal-erbat elef raġel tiegħu; iżda ma nixtieqx li ġġibu magħkom lil uliedkom; ma ppermettejtx dan ħlief lil Casa-Bianca, u għamilt żball. Sa tibgħat lil dan lura Franza; nixtiequ jkun tajjeb fil-matematika, u jekk jiġrilek xi ħaġa hemmhekk, nagħmel tajjeb għalih jien; nieħu ħsiebu, u nagħmel minnu suldat kif jixraq." Fl-istess ħin tbaxxa, hu u joħodni taħt driegħu, refagħni sa fommu u biesli ġbini. Rasi kienet qed iddur bija, ħassejt li kien sidi u li kien qed jisraq ruħi lil missieri, li mill-bqija bilkemm kont nafu billi kien eternament jgħix fl-armata. Ħsibt li qed inħoss il-biża' ta' Mosè, ragħaj, jara 'l Alla fl-arbuxxell. Bonaparti kien refagħni ħieles, u meta dirgħajh niżżluni bil-mod mill-ġdid fuq il-briġġ, ħallew hemm skjav ieħor.

Il-jum ta' qabel, kont ninxteħet il-baħar li kieku kienu warrbuni mill-armata; iżda ħallejthom jiħduni meta riedu. Ħallejt lil missieri b'indifferenza, u dan għal dejjem! Iżda tant aħna ħżiena mit-tfulija, u, irġiel jew tfal, nitkaxkru minn affarijiet tant żgħar u nitwarrbu mis-sentimenti naturali tajbin! Missieri ma kienx aktar sidi billi kont rajt lil sidu, u minn dak biss deherli kienet ġejja l-awtorità kollha tad-dinja. – O ħolm ta' awtorità u ta' skjavitù! O ħsibijiet korrotti tal-poter, tajbin biex jisseduċu t-tfal! Entużjażmi foloz! Velenijiet sottili, liema antidotu jista' qatt wieħed isib kontrikom? – Kont stordut, fis-sakra; xtaqt nistudja, u studjajt, sakemm sirt miġnun! Ħdimt is-somom lejl u nhar, u lbist il-libsa, l-għerf u, fuq wiċċi, il-kulur isfar tal-iskola. Minn żmien għal żmien il-kanun kien jinterrompini, u dik il-vuċi ta' dak il-bniedem iddivinizzat kienet qed tgħarrafni dwar il-konkwista tal-Eġittu, Marengo, fit-18 ta' *Brumaire*,[3] l-Imperu... u l-Imperatur żamm kelmtu miegħi. – Filwaqt li missieri, ma kontx naf aktar x'kien sar minnu, meta jum minnhom waslitli din l-ittra hawn araha. Inġorrha dejjem f'dan il-portafoll qadim, li xi darba kien aħmar, u naqraha ta' spiss mill-ġdid biex nikkonvinċi ruħi mill-inutilità tal-opinjo12+134nijiet li tagħti ġenerazzjoni lil dik li ssegwiha, u biex nirrifletti dwar l-istinezza assurda tal-illużjonijiet tiegħi.

Hawnhekk il-Kaptan, hu u jiftaħ l-uniformi, ħareġ minn sidru: l-ewwel il-maktur, imbagħad portafoll żgħir li fetaħ bil-galbu, u dħalna f'ħanut tal-kafè li kien għadu mixgħul, li fih qrali dawn il-bċejjeċ ta' ittri, li baqgħuli bejn idejja, kif se tkunu tafu dalwaqt.

3 Ottubru